# L-Innu tal-Banda 'Lourdes'

Fl-okkażjoni tal-75 sena mit-twaqqif tal-Banda

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Kull banda għandha l-innu tagħha li jiddistingwiha minn baned oħrajn li hawn imxerrdin mal-ibliet u l-irħula ta' Malta u Għawdex. L-innu aktarx jindaqq dejjem f'kull okkażjoni li fiha l-banda tieħu sehem, kemm f'darha, kif ukoll meta tkun barra minn pajjiżha. L-innu tal-banda normalment jindaqq fil-bidu ta' xi marċ jew xi programm, għalkemm hawn min jagħżel li jdoqqu fl-aħħar biex jagħlaq bih fost l-entużjażmu tal-partitarji. Dan dejjem skont l-okkażjoni xi tkun għax ġieli, waqt xi marċ tal-festa, jindaqq għal aktar minn darba biex jissodisfa x-xewqa, ngħidu aħna, ta' xi sostenitur kbir, jew sempliċiment quddiem xi dar bil-faċċata mżejna minn fuq s'isfel ta' xi ħadd akkanit. Dan it-tali aktarx li, ta' kull sena jogħġbu jdaħħal lill-bandisti, jew talanqas lill-membri tal-kumitat, f'daru ħalli jbillu ftit griżmejhom b'xi grokk wiski jew flixkun birra kiesħa u xi sandwiċ jew tnejn. Għaldaqstant, fl-okkażjoni tal-75 sena mit-twaqqif tal-Banda 'Lourdes' għażilt li nitkellem proprju fuq l-Innu tal-Banda tagħha, pinna tas-surmast Mikiel Ciantar u versi ta' Dun Karm Psaila. Nixtieq hawn inrodd ħajr lil Nicholas Azzopardi tat-tagħrif li għoġbu jgħaddili biex stajt ninseġ dan l-artiklu tal-okkażjoni.

Kliem muftieħ: Soċjetà Filarmonika Lourdes Qrendi, Innu tal-Banda Lourdes, Orkestra Bellini (Qrendi), Mons. Dun Karm Psaila, Mro. Mikiel Ciantar.



Kif jgħid tajjeb ħafna Robert Mifsud Bonnici fil-ktieb tiegħu, 'Ġrajja tal-Mużika f'Malta u Għawdex' (1954) li, 'omm il-banda hija l-orkestra'. Dan għaliex, ħafna baned Maltin ħarġu minn xi orkestra (jew orkestrina) tar-raħal filwaqt li, minn għaqdiet mużikali oħrajn ixxettlu fergħat oħra tal-mużika barra l-banda, bħal ngħidu aħna, orkestri sinfoniċi jew mandolinistiċi, kumplessi tal-kitarri u ġazz, u x'naf jien. Skont ma nsibu mniżżel fil-ġrajja ta' din is-Soċjetà Qrendija, it-twaqqif tal-*Orkestra Bellini* fl-1905 fil-Każin *Lourdes* kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha f'dan ir-raħal. Din l-orkestra kienet twaqqfet bit-tħabrik tas-Sur Nikol Magri[1] u l-għan tagħha kien li ddoqq fil-festi liturġiċi kollha li kienu jinżammu fir-raħal matul is-sena. Kienu diversi s-surmastrijiet[2] li mexxewha b'abbiltà sa ma mietet fl-eqqel tal-Gwerra fl-1943[3]. (Fir-ritratt tidher l-*Orkestra Bellini* c. 1927, li dak iż-żmien kien jidderiġiha Mro. Ferndinandu Falzon. L-orkestra kienet waħda mdaqqsa u magħmula fost l-oħrajn, min-nofs tużżana vjolini, kuntrabaxx, żewġ korni, kurunetta, flawt, żewġ klarinetti, ewfonju u tanbur.) Kif ser naraw, din l-orkestra inbidlet f'banda.

Inħallu issa l-istorja fl-isfond u ngħaddi biex inlaqqgħakom mal-protagonisti li sawru l-Innu tal-Banda.

---

[1] Laħaq it-tieni President wara s-Sur Mikelin Farrugia. 'Kien l-ewwel għalliem fl-iskola l-qadima tal-Qrendi, u kien ukoll ġeneoliġista, pittur u mużiċista.' (Paul Zammit, 'L-istorja tal-każini tal-baned f'Malta u Għawdex'; vol. 2, pġ. 132) Kien hu wkoll li introduċa 'għall-ewwel darba d-dawl tal-aċitelena biex ġiet imdawla l-faċċata tal-Każin u t-toroq ewlenin tal-Qrendi.' (Ibid.)

[2] Rob. Mifsud Bonnici jagħti lista ta' surmastrijiet kif ġej: Ant(onio) Pace, Carmelo Zammit, Alfons Kissoun (jew Kissaun), Ġużè Cassar u Ferdinand Falzon. (Ġrajja ta' baned f'Malta u Għawdex, pġ. 84)

[3] Din id-data jagħtihielna Mifsud Bonnici. Skont Paul Zammit, l-orkestra damet topera sal-1941. (Ibid. 1, pġ. 133). L-istess jgħidu Joseph Vella Bondin (Il-mużika ta' Malta fis-sekli dsatax u għoxrin; pġ. 199) u Joseph Grech (Il-Każini tal-baned ta' Malta u Għawdex; pġ. 286).

Profil: Dun Karm Psaila (1871 - 1961) twieled f'Ħaż-Żebbuġ. Sar qassis ta' 23 sena u beda jgħallem is-Seminarju. Ħareġ l-ewwel ktieb ta' versi bit-Taljan fl-1896. Għamel żmien twil jgħix il-Belt fejn kiteb uħud mill-aqwa xogħlijiet tiegħu. Għamel xi żmien jgħix ukoll f'Tas-Sliema u San Ġiljan. L-ewwel poeżija li kiteb bil-Malti - *Quddiem Xbieha tal-Madonna*, dehret fl-ewwel ħarġa ta' *Il-Ħabib* u kitibha meta kellu erbgħin sena! Kiteb ukoll għadd ta' innijiet, fosthom l-Innu Malti, kif ukoll il-versi tal-Innu tal-Banda 'Lourdes'. Hawn taħt qed inġib kelma b'kelma l-versi tal-Innu tal-Banda 'Lourdes' kif ħarġu mill-pinna tal-poeta Nazzjonali Malti:





INNU TAL-BANDA LOURDES

LILHA
dhert bhal xemx tilma bid-dija-
fuq ix-xitla mimlija bil-ward-
Inti tlabt lill-hlewwa Bernardina-
biex haxix tiekol mill-art-

LILHA
Weghdt kuruna bajda, sbejha-
safja safja li donnha halib;
Inti tlabt lit-tfajla ckejkunija,
biex l-art thaffer u ilma ssib-

Libsa bajda u faxxa kahla-
warda mdeh'ba fuq riglejha-
wicc sabih donnu xemx, tiddi-
fuq il-gholja tadura, il-gmiel-

Hawn ilkoll ahna ferhana-
hdejn il-GROTTA l-hena taghna-
Ward sabih ahna lkoll noffru
U lil Ommna ta' Lurd naghtu gieh-

Versi - Dun Karm Psaila
Musica - Michael Ciantar.

Profil: Mro. Mikiel Ciantar (1903 - 1983) twieled is-Siġġiewi minn Carmelo Ciantar. Meta żżewweġ, huwa mar joqgħod Ħaż-Żebbuġ fejn rabba familja kbira. Kien ingaġġat bħala surġent mal-banda tal-R.M.A. fejn kien idoqq il-klarinett, u aktar tard, il-batterija (*drumkit*). Minn hawn, kiseb id-dixxiplina kollha meħtieġa biex seta' jibni l-karriera mużikali tiegħu. Għamel snin twal ħafna jdoqq mal-Banda 'La Valette'. Kien ukoll jgħallem lill-allievi fil-każin tal-banda ta' raħal twelidu. Jingħad li kellu widna perfetta u ma kenitx taħrablu l-iċken nota. Minbarra l-Innu tal-Banda, kiteb ukoll xi marċi popolari u oħrajn funebri. Huwa iddimetta minn surmast-direttur f'Mejju tal-1947. Miet fl-età ta' wieħed u tmenin sena.






F'Ġunju tal-1942 twaqqfet uffiċjalment il-Banda 'Lourdes' u Mro. Mikiel Ciantar inħatar unimament bħala l-ewwel surmast-direttur ta' din is-Soċjetà mużikali Qrendija. Hu, flimkien mad-direttur tas-Soċjetà, is-Sur Carmelo Aquilina, għallmu għadd kbir ta' allievi ġodda u rnexxielhom jibdlu lill-*Orkestra Bellini* f'banda. Il-Banda 'Lourdes' daqqet għall-ewwel darba fit-8 ta' Settembru tal-1944[4], li dak iż-żmien kienet għadha festa nazzjonali. Kien proprju waqt il-

[4] Din id-data ġibtha minn paġna 84, tal-ktieb 'Ġrajja ta' baned Maltin u Għawdxin' (1956) ta' Robert Mifsud Bonnici. Skont Paul Zammit ('L-istorja tal-każini tal-baned f'Malta u Għawdex'; tieni volum, pġ. 134) dan seħħ sena wara, i.e. fl-1945, 'għall-okkażjoni ta' Jum il-Vittorja, u l-Armistizju tat-Tieni Gwerra Dinjija.' Madankollu, jekk wiehed ihares lejn il-gazzetti ta' dak iz-zmien isib li, il-Banda 'Lourdes' daqqet kemm-il darba qabel din id-data.

programm mużikali li ndaqq għall-ewwel darba l-Innu tal-Banda ‘Lourdes’, kompożizzjoni ta’ Mro. Mikiel Ciantar. Dan kien mument storiku għall-Banda ‘Lourdes’, għax fl-istess ħin li hi twieldet ġiet mgħammda mill-ewwel bl-innu tagħha. (Fl-istampa tal-ġenb tidher paġna mir-riduzzjoni tal-ispartit tal-Innu tal-Banda ‘Lourdes’ li nħadmet mill-awtur ta’ dan l-artiklu.)

Forma: L-Innu tal-Banda ‘Lourdes’ jista’ jinqasam f’żewġ taqsimiet kbar, bit-tieni waħda tkun it-triju.[5] Mit-tabella t’hawn taħt wieħed jinnota li, l-ewwel taqsima (A) għandha forma ternarja peress li hi maqsuma fi tliet taqsimiet żgħar, fejn l-ewwel u t-tielet waħda huma tista’ tgħid l-istess. It-triju (B) ukoll jinqasam f’żewġ partijiet, imma t-tnejn bl-istess melodija. Id-differenza qegħda biss fit-tieni parti fejn din tindaqq bil-qawwi (*forte*) u bl-istrumenti tal-qasba jdoqqu fl-akut. Kemm fl-introduzzjoni tal-bidu, kemm bejnet iż-żewġ taqsimiet (A u B), kif ukoll fil-koda tal-aħħar insibu fanfarra[6]. Meta niġu għat-triju, il-mużika timmodula lejn is-sotto dominanti tal-kjavi li nkunu bdejna biha:

| Taqsima | Battuti | Deskrizzjoni | Rimarki | Tonalità |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Introduzzjoni | 01 - $16^{1}$ | Fanfarra | | |
| | $16^{2}$ – 30 - $32^{1}$ [33 - $35^{1}$] | (a) | Replika | |
| **A** | $35^{2}$ - $43^{1}$ | (b) | | La*b* Maġġuri |
| | $43^{2}$ - $51^{1}$ | ($a^{1}$) | | |
| | 52 - $57^{1}$ | Fanfarra | | |
| | 58 - 61 | Introduzzjoni | | |
| **B** | 62 - 77 | (ċ) | Triju | Re*b* Maġġuri |
| | 78 - 93 | (d) | | |
| Koda | 94 - 101 | Fanfarra | | |

Analiżi: Introduzzjoni (01 - $16^{1}$): Din hija mmarkata *Maestoso* u magħmula minn fanfarra twila, li jkun aħjar jekk naqsmuha mill-ewwel f’żewġ sentenzi mużikali ta’ tmien battuti l-waħda, jiġifieri b. 01 - $08^{1}$ u 09 - $16^{1}$ rispettivament. Iż-żewġ sentenzi huma mifrudin il-waħda mill-oħra permezz ta’ kwart aspett illi fih tinstema’ biss it-tifqigħa ta’ pjatta sola. F’dawk li huma noti u ritmu mbagħad, it-tnejn huma l-istess f’kollox ħlief għall-aħħar żewġ noti li jagħlqu bihom (Fig. 1):

fig. 1



Il-fanfarra tindaqq mill-kurunetti primi u sekondi, u bil-baritoni (*althorns*) u t-trumbuni ottava taħthom. Min-naħa tiegħu, it-tanbur ukoll iżomm magħhom f’dak li huwa taqsim, u bir-rollijiet fejn jidħlu l-minimi. Kif mistenni, il-fanfarra ddur fuq l-istess erba’ noti u tinbena permezz tas-sistema hekk imsejħa *ready, steady, go*. Wieħed jinnota li, it-tielet u r-raba’ battuta jirrepetu lit-tnejn li ġew qabilhom, u bit-tieni nofs tas-sentenza (b. 04-08) tiġi taqra bil-maqlub tal-ewwel nofs bħal f’mera peress li n-noti jitilgħu flok jinżlu.

fig. 2


Taqsima A ($16^{2}$ – $51^{1}$): Kif ġa għidna, din għandha forma ternarja:

---

[5] Oriġinarjament, din il-kelma kienet tirreferi għal tip ta’ mużika li tindaqq minn tliet strumenti/kantanti. Iżda, f’marċ tipiku Malti, it-triju hija dik il-parti li tiġi wara l-ewwel, u ġieli anki t-tieni replika, jew passaġġ tan-nofs, u li tant tkun mistennija mid-dilettanti tal-marċi. Għaldaqstant, il-marċ jilħaq il-qofol tiegħu proprju fit-triju fejn il-melodija trid tkun l-aktar b’saħħitha u tal-widna.

[6] Din il-kelma aktarx ġejja mill-ilsien Għarbi *anfar*, plural ta’ *nafir*, li bil-Malti tfisser ‘trumbetti’. Minn hemm, il-kelma bdiet tintuża biex tiddeskrivi kull tip ta’ mużika għolja u elaborata bħalma nsibu f’xi parata militari. Il-fanfarra tista’ tindaqq ukoll minn strument wieħed bħala salut jew sempliċiment biex jingħata sinjal.

Parti (a) ($16^2$ – 30 - $32^1$ [33 - $35^1$]): Bħala ammont ta’ battuti din tiswa daqs iż-żewġ partijiet li jiġu warajha peress li hi magħmula minn frażi ta’ 16-il battuta, maqsuma f’żewġ sentenzi daqsinsew: $16^2$ – $24^1$ u $24^2$ - 30 - $32^1$ [33 - $35^1$]. Dan il-passaġġ jindaqq bil-mod (*piano*) u li fih, il-kontro-melodija, għalkemm tinżel b’mod imtarraġ, tagħmel użu mis-sinkopé[7]. Min-naħa tagħha, il-melodija hija waħda sempliċi fin-nisġa tagħha, u aktarx iddur fuq l-istess akkordji bażiċi. Mhux l-istess fil-każ tat-tieni sentenza mużikali fejn din timmodula għal waqt wieħed qabel ma l-passaġġ imur għar-replika (Fig. 3):

fig. 3 


Parti (b) ($35^2$ - $43^1$): bħala l-fustanija wieħed jistenna li tikkuntrasta xi ftit jew wisq minn mal-bqija, u għad li d-differenzi bejniethom bilkemm jidhru, xorta waħda hemm qedin. Minnu li, dis-sentenza ta’ tmien battuti wkoll tibda *in aria*, jiġifieri, fl-aħħar kwart tal-battuta, imma hemm xi affarijiet fil-bini tal-melodija li jiddistingwuha. Ngħida aħna, fiha ma jidħolx il-valur ta’ semiminima bil-punt (b. 17 u 25) jew xi element ta’ sinkopar bħalma nsibu f’battuta 22. Mill-banda l-oħra, battuta 41 toffri l-klajmaks ta’ taqsima (A) permezz tal-erba kromi li jibqgħu tielgħin sas-*Sol* ta’ fuq. Jerġa’ hawnhekk, il-melodija hija aktar lixxa minn dik ta’ parti (a) fis-sens li, in-noti ta’ ġo fiha jitilgħu u jinżlu bħallikieku qedin ġo skala[8] (Fig. 4):

fig. 4 


Parti ($a^1$) ($43^2$ - $51^1$): Din il-parti aktar tixbah lill-ewwel waħda milli dik tan-nofs. Dan peress li, dil-parti tieħu xi materjal minn parti (a) biex tibni lilna nnifisha f’sentenza ta’ tmien battuti, subdiviża f’żewġ frażijiet daqsinsew, fejn tal-ewwel bħal donnha tifforma l-mistoqsija (b. $43^2$ – $47^1$), filwaqt li, l-oħra toffri t-tweġiba (b. $47^2$ – $51^1$). Wieħed jinnota li, il-frażi tal-aħħar tmur biex tagħlaq l-ewwel taqsima mingħajr akkumpanjament ta’ xejn, bħallikieku tixtieq tħabbar il-miġja tat-triju bla ħafna daqq ta’ trombi żejda.

Qabel it-triju niltaqgħu ma’ fanfarra oħra f’battuti 52 - $57^1$. Għad li qsajra, din tieħu mill-istess materjal tal-oħra li nsibu fl-introduzzjoni. Dan tagħmlu billi tieħu biss l-ewwel żewġ battuti kkaratterizzati mit-terzini tal-kromi, u filwaqt li tirreplikahom, teqleb l-aħħar żewġ semimini b’tali mod li l-intervall[9] ta’

[7] Kelma li tiddeskrivi daqq bl-iskossi. Dan jifforma ruħu meta nota taħbat b’mod li nofs il-valur tagħha jaqa’ fuq il-parti forti u n-nofs l-ieħor fuq id-debboli. Nota tista’ ssir sinkopata wkoll permezz tal-legatura. Mod ieħor ta’ kif tista’ toħloq is-sinkopé huwa billi iddaħħal it-twaqqif jew aspetti fuq il-parti qawwija u n-noti fuq dik dgħajfa, dak li aħna nsejħulu kontratemp.

[8] Progressjoni ta’ noti tielgħin jew neżlin b’mod gradat. Normalment, skala jkun fiha tmien noti, imma llum il-ġurnata jeżistu oħrajn b’anqas jew aktar noti. Il-kelma ġejja mil-Latin u li tfisser ‘sellum’.

[9] Id-distanza li hemm bejn nota u oħra. Dan jitkejjel billi ngħoddu l-gradi minn isfel għal fuq. Intervalli ta’ ottava jew inqas jissejħu sempliċi, u l-oħrajn li jissuperawha, komposti.

bejniethom jiġi jaqra kwinta perfetta. Din il-mossa sservi ta' *springboard* biex tintlaħaq il-La bemoll ta' fuq (b. 56 – 57[1]) u b'hekk taqsima (A) tiġi fi tmiemha.

Taqsima (B) (b. 58 – 93): Din it-taqsima tifforma t-triju, li fih innifsu, jiġi fi tliet partijiet: Introduzzjoni (b. 58 – 61); (ċ) l-ewwel parti tat-triju (b. 62 – 77); u (d) it-tieni parti tat-triju (b. 78 – 93). Iż-żewġ partijiet huma tal-istess tul peress li l-melodija tirrepeti ruħha eżatt, ħlief għan-nota tal-għeluq (Fig. 5):

fig. 5



Parti (ċ) (b. 62 – 77): Ħaġa importanti fil-bini tal-melodija hawnhekk hi li, il-frażijiet jibdew kollha fuq nota forti u mhux *in aria*. Dan awtomatikament ifisser li, dawn in-noti jaqgħu fuq l-ewwel taħbita li tiġi l-parti forti (jew qawwija) tal-battuta. Dan il-fatt jikkuntrasta bil-kbir mal-frażijiet li kellna f'taqsima (A) fejn rajna li jibdew kollha fuq it-tieni taħbita hekk imsejħa debboli (jew dgħajfa), u allura ta' karattru femminili. Intant, l-ewwel parti hi mibnija minn sentenza twila ta' 16-il battuta li jkun aħjar jekk wieħed jaqsamha mill-ewwel f'erba' frażijiet ta' erba' battuti l-waħda. Dan għaliex, fl-ewwel tliet frażijiet insibu li, il-melodija titla' grad ogħla kull darba. Huwa biss fir-raba' waħda li, il-melodija tibda nieżla bil-mod il-mod, waqtiet ddur fuqha nnifisha bħal f'spiral, qabel ma terġa' tispiċċa fl-istess post minfejn tkun bdiet. Hawn ukoll, il-kontro-melodija tidħol mill-ewwel li, min-naħa tagħha, ma tħalli l-ebda skop għal xi forma ta' skwilli min-naħa tal-istrumentini. Din il-ħaġa jagħmilha perikoluża ħafna peress li, it-tieni parti (b. 78 – 93) ma toffri xejn ġdid, biċ-ċans li, kollox jaqa' f'monotonija kawża ta' wisq repetizzjoni. L-uniku differenza bejn il-ġix partijiet hija li, fit-tieni waħda, il-melodija tindaqq bil-qawwi (*forte*) u ottava jew tnejn fuq, skont kemm jiflaħ ir-reġistru tal-istrumenti konċernati. Mil-lat armoniku wkoll, it-triju jibbaża ruħu ħafna fuq l-akkordji l-aktar bażiċi, bla ma jitħajjar jintroduċi xi forma ta' kromatiċità – liema lwien żgur li kienu jgħinu aktar għalbiex it-triju jilħaq il-qofol tiegħu b'aktar saħħa.

Koda (b. 94 – 101): Is-sitwazzjoni ma tantx tinbidel fit-tielet u l-aħħar sejħa tal-fanfarra peress li, hija għandha mill-istess materjal tat-tnejn l-oħra li ġew qabilha, bid-differenza li, fit-tieni nofs tagħha tidħol iddoqq il-banda kollha u b'hekk, tissiġilla tmiem mill-aktar qawwi għal dan l-innu.

Għeluq: Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Qrendin għal żewġ raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes li qed tiġi ċċelebrata ġewwa l-Qrendi; u (b) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.

Qawl Malti: **Trumbun fi pjazza, il-folla ddur iddur daqs boxxla ta' vapur**. Tifsira: In-nies jieħdu gost imorru jisimgħu l-banda ddoqq fil-pjazza minħabba l-briju li din tagħmel.